MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## EDWINA GRIMA

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 28/2003

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta' estera ta' The Performing Right Society Limited ta' Londra**

**vs**

**Southern Estates Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta' Jannar, 2003, fejn intalab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici nomine s-somma ta' tmenin lira Maltin u tmintax-il centezmu (Lm80.18) rappresentanti in kwantu ghal Lm69.72, royalty dovuta bil-quddiem in konnessjoni mal-licenzja numru 8438 (Dokument A anness ma' l-avviz), b'liema licenzja s-socjeta' konvenuta giet moghtija d-dritt li xxandar lil pubbliku muzika tutelata fl-istabbiliment "Castello dei Baroni", l-Wardija u Lm10.46 Taxxa fuq il-valur Mizjud ghall-perijodu mis-6 ta' Lulju 2002 sal-5 ta' Lulju 2003.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra legali tat-30 ta’ Settembru 2002 u l-ittra ufficjali tat-3 ta’ Dicembru 2002 u bl-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data tal-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kontra s-socjeta’ konvenuta.

Ra li s-socjeta’ konvenuta debitament notifikata baqghet ma dehritx u l-anqas ma pprezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda tal-P.L. Josette Attard ghan-nom tas-socjeta’ attrici nomine, li kkonfermat bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokument esebiet.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici nomine s-somma ta’ tmenin lira Maltin u tmintax-il centezmu (Lm80.18), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-3 ta’ Dicembru 2002, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta’ konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------